23 ta' Ġunju, 1967

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Giswarda Bugeja et

*versus*

Emanuele Muscat et.

**Danni — Responsabilità — Saqaf — Sfrondament ta' — Perizja — Prova — Mezz ta' —**

*Il-bennej li ma jagħmilx ir-rifar neċessarju biex jekk is-saqaf li jkun qiegħed isewwi jaqa' ma ssirx ħsara, jkun responsabbli għad-danni derivanti minn dak is-sinistru.*

*Għalkemm il-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali huma bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, b'dana kollu il-"giudizio dell'arte" espressa mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakultà lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizjonali, jiġi skartat faċilment ammenokkè ma jkunx jidher soddisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha taċ-ċirkostanzi irraġonevoli.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; billi l-konvenut Joseph Camilleri kien qiegħed jagħmel xogħlijiet fil-kerrejja 186, Kingsway, Valletta, u kienu qed jaħdmu miegħu l-konvenuti l-oħra fl-istess xogħol, u minħabba nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza, ta' ħsieb u ta' ħila da parti tal-konvenuti waqt l-esekuzzjoni tal-istess xogħlijiet waqa' l-passaġġ tal-ħames sular u sfronda l-passaġġ ta' taħtu; u billi l-attriċi kienet tinsab fil-passaġġ tat-tielet sular li ġie sfrondat sabet ruħha isfel u rriportat lesjonijiet gravi fuq il-persuna tagħha, li minħabba fihom l-atturi sofrew u għad isofru danni, oltre li tilfu xi oġġetti li rtradmu; u billi l-attriċi baqgħet ma fieqitx mill-feriti; u talbet li l-konvenuti jkunu dikjarati responsabbli għad-danni kaġonati lill-istanti bl-inċident fuq imsemmi u jkunu kundannati jħallsu lill-istanti s-somma li tillikwida dik il-Qorti bħala danni li sofrew u għad isofru minħabba l-istess inċident; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali

tas-26 ta' Ottubru, 1962, kontra l-konvenuti.

Omissis.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Gunju, 1966 li biha ddeċiediet billi ddikjarat lill-konvenuti Camilleri u Genovese responsabbli tad-danni li setgħu sofrew l-atturi mħabba l-inċident imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni u għalhekk laqgħet l-ewwel talba in kwantu diretta kontra dawn iż-żewġ konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom u ċaħdet l-istess talba bl-ispejjeż kontra l-attur in kwantu diretta kontra l-konvenut Muscat stanti li huwa ma huwiex responsabbli, salvo l-provi dwar it-tieni u t-tielet talba tal-atturi; u salvo kwalunkwe dritt tal-konvenut Genovese kontra l-konvenut Camilleri, wara li kkunsidrat illi skond ir-rapport peritali l-konvenut Camilleri huwa responsabbli waħdu għad-danni sofferti mill-attriċi bil-kollass tal-bini imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, fil-waqt li ż-żewġ konvenuti l-oħra ma humiex responsabbli billi kienu sempliċi impjegati tal-konvenut Camilleri.

Omissis.

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Joseph Camilleri u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata billi hu jiġi dikjarat mhux responsabbli lejn l-atturi, għaliex il-kollass tal-bini ma kellu ebda ness jew konnessjoni ħlief ta' ħin max-xogħol li kien qed isir mill-ħaddiema tiegħu fil-kerrejja in kwistjoni, għaliex sar aċċidentalment għall-kawżi indipendenti mill-aġir, att jew omissjoni tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati Bugeja.

Rat ir-risposta tal-atturi appellati miżżewġin Bugeja u tal-konvenut Emmanuele Muscat li biha qalu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra

l-appellanti.

Rat ir-risposta tal-konvenut Giuseppe Genovese li biha qal li hu sa issa ma interponiex appell mis-sentenza fuq imsemmija u li jżomm integru d-dritt tiegħu li jappella skond il-liġi, wara li tingħata s-sentenza finali u żied jgħid li kull sottomissjoni għalhekk li tista' ssir minnu fl-appell interpost mill-konvenut Camilleri għandha tiftihem biss b'riferenza għar-responsabilita tal-istess Camilleri u bl-ebda mod m'għandha tiftihem li tista' taffettwa r-responsabbilità tiegħu stess. L-appell preżenti jirrigwarda u jirriferixxi għall-kwistjoni tar-responsabilità tal-konvenut Camilleri vis-a-vis l-atturi u għalhekk l-istess Genovese kompla jgħid li hu bl-ebda mod m'għandu jbati xi parti mill-ispejjeż tal-preżenti appell.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi l-appell quddiem din il-Qorti hu biss magħmul mill-konvenut Camilleri, li nsista fuq it-teżi tiegħu li l-fatti ma setgħux ġraw kif indikat mill-perit tekniku u attakka l-konklużjonijiet raġġunti fir-relazzjoni peritali. L-appellant ilmenta li l-fatti setgħu ġew approfonditi iżjed u aħjar mill-perit tekniku, imma tiswa x'tiswa din l-osservazzjoni, l-ilment ġie f'din l-istanza inkontrat billi l-Qorti tat l-opportunità kollha lill-appellant li jarġa jeskuti l-perit u jgħamillu d-domandi kollha ulterjuri li xtaq u deherlu rilevanti. Dawn — fin-numru ta' 33 ġew sottomessi bil-miktub u r-risposti għalihom ġew ukoll magħmula bil-miktub. Barra minn dan il-perit, fuq talba tal-appellant, xehed ukoll oralment u l-istess appellant reġa' għamel is-sottomissjonijiet tiegħu mhux biss oralment imma anki bil-miktub.

Illi nonostanti l-abilità, diliġenza u assidwita li biha l-

appellant ikkonduċa l-każ tiegħu, partikolarment fl-impunjattiva tal-konklużjonijiet peritali; din il-Qorti, wara li rriflettiet sewwa u għat-tul, ma jidhrilhiex li tista' tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-ewwel Onorabbli Qorti. In ġenerali tajjeb ukoll li jiġi rilevat illi għalkemm hu veru li fid-dritt (artikolu 681 Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) l-Qorti mhiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha innifisha ("dictum expertorum numqum transit in rem judicatam") u l-konklużjonijiet peritali huma bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, b'dana kollu il-"giudizio dell'arte" espress mit-tekniku ma jistax u m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizjonali, jiġi skartat faċilment ammenokkè ma jkunx jidher soddisfaċentement illi l-konklusjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli.

Illi f'din l-istanza, nonostanti li ġie sottopost għall-interrogatorju numeruż u estiż, il-perit tekniku kkonferma u baqa' permanent isostni l-konklużjonijiet minnu raġġunti fl-ewwel istanza. Fil-fehma tiegħu l-kollass tal-passaġġ in kwistjoni ġie kawżat mill-ommissjoni ratali ta' irfid xieraq kombinata ma' żewġ azzjonijiet tal-konvenuti. L-ewwel azzjoni kienet it-tbaqqin u tħaffir tal-paviment fuq ix-xorok tal-passaġġ; dan id-damdim qata' u naqqas il-pressjoni jew irbit bejn ix-xorok u t-travu, li kien imsaddad. It-tieni azzjoni kienet il-pressjoni laterali lejn il-bitħa li Genovese eżerċita fuq it-travu tal-ħadid, meta kien qed jaħdem b'riġlejh miftuħin, waħda fuq it-targa u l-oħra fuq it-tberfila tat-travu. L-inċident ġara meta Genovese, f'din il-posizzjoni, kien qiegħed jitbaxxa u jaqla l-biċċa tax-xriek li kienet dwar filata aktar l-isfel mill-qiegħ ta' riġlejh. Huwa evidenti, kompla jgħid il-perit, li l-isforz kbir li għamel Genovese iġġenera pressjoni laterali kbira fuq it-travu bil-ponta ta' riġlejh;

t-travu, li kien imsaddad u, skond ix-xhud Paolo Psaila, għ imżaqqaq il-barra lejn il-bitħa, bl-imbuttar minn riġiejn Genovese kompla iżżaqqaq il-barra, jew immolla l-barra lejn in-nofs, fejn kien l-anqas riġidu, u b'hekk ix-xorok inħallu minn mat-travu, tajru bil-piż ix-xifer skars u mgħerri tal-flange, u naturalment waqgħu u kissru u waqqgħu l-passaġġi kollha sottostanti. Il-kollass tal-passaġġ ma kienx inissel konsegwenzi gravi kieku sar l-irfid li titlob is-sengħa; ix-xorok kienu jiċċaqilqu xi ftit jew itajjru l-flange, imma kienu jibqgħu merfugħa fuq l-armar. F'dan il-kompless ta' ċirkostanzi hi konfigurata l-kolpa.

Illi da parti tiegħu l-appellant jikkontesta bħala fatt illi t-travu kien imsaddad jew imżaqqaq u li ttajjar ix-xifer tal-flange tiegħu. Hu jistrieħ fuq il-fatt li t-travu baqa' fil-post ("in situ") u jkompli jgħid li r-ritratt tiegħu meħud f'dak iż-żmien jurieh dritt u bil-flange ta' isfel sħiħ għal kollox. Dan ir-ritratt, però, meħud minn isfel juri t-travu fiċ-ċokon u, apparti dan, il-ksur tal-flange jista' skond l-angolu li minnu jkun ittieħed ir-ritratt jiġi mgħotti u ma jidhirx.

Illi fl-istess kontest l-appellant qal illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tagħti mportanza lix-xhieda ta' Salvina Mizzi u Paolo Psaila li taw id-deposizzjoni tagħhom qabel il-bidu tal-kawża quddiem Imħallef Supplenti dwar sadid u stat tat-travu billi dawn ma setawx jikkonvenu l-ewwel għaliex profani u t-tieni għaliex bit-tberfila t-travi mill-bitħa jew passaġġi ma kienux mikxufin u ma setgħux juru l-istat tagħhom, u kieku kellhom sintomi ta' ħsara, il-Perit tal-Public Works li kien ordna x-xogħlijiet kien jirrapporta lilhom u mhux żewġ xorok miksura. Tant Salvina Mizzi kemm Paolo Psaila fil-fatt kienu reġgħu xhedu u ġew sottoposti għall-kontroeżami quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. L-ewwel waħda xehdet li xi jumejn wara d-disgrazzja meta marret biex iġġorr ħwejjiġha rat li t-travu, li baqa' fil-post,

kien imsaddad. It-tieni wieħed xehed li meta mar fuq il-post (fejn hu kien ukoll joqgħod) immedjatament wara d-disgrazzja ra li l-flange ta' taħt tat-travu in kwistjoni kien imtajjar, jiġifieri ma kellux fejn iżomm ix-xorok li kienu midfunin bejn it-travu u l-bini (ix-xorok li waqgħu kienu poġġuti fuq il-flange ta' isfel tat-travu) u xehed ukoll li hu kien ilmenta qabel id-disgrazzja għax kien innota li t-travu in kwistjoni ma kienx dritt bħall-oħrajn imma imżaqqaq finnofs in-naħa tal-bitħa. Għandu jiżdied li dan Paolo Psaila xehed li hu "bniedem tas-sengħa" u l-osservazzjoni tiegħu takkwista għalhekk aktar importanza.

Illi kwantu għall-ewwel ilment tal-appellant, il-Qorti ma tarax għaliex anki fuq il-bażi li dawn ix-xhieda huma "profani", m'għandiex tattribwilhom fede għal dawk li huma sempliċi konstatazzjonijiet viżivi, u in ġenerali ma tarax lanqas għaliex għandhom jiġu skartati meta dwar dak li fuqu xehdu ma jidhru bl-ebda mod interessati jew fi kwalunkwe każ inattendibbli. Wara kollox għal dak li hu sadid l-istess konvenut Muscat xehed: "Meta qlajt it-torba, il-biċċa ta' fuq tat-travu inkixfet u xi ftit imsaddad kien", fuq ir-rifless l-ieħor tal-appellant li l-Perit tal-Public Works ma kienx sejjer ma jittendix b'dawn id-difetti, l-istess Perit l-ewwelnett ma ġiex prodott u mbagħad, kif sewwa irrileva l-perit tekniku, ċerti difetti ma jimmanifestawx ruħhom verament ħlief mal-kxif. "Fil-mument", irrelata l-perit tekniku, "li jimbeda x-xogħol ta' kxif tax-xorok jew travi f'soqfa perikolużi ħadd ma jkun għadu jaf sewwa l-istat ta' detorjament tagħhom; ammenokkè l-ħsara ma tkunx tali li anki bniedem profan jiġi allarmat biha mill-ewwel. Normalment l-apprezzament tal-ħsara jew detorjament jista' jsir biss min-nies esperti u kwalifikati, li spiss ikollhom jirrikorru għal spezzjonijiet minutissimi u anki kxif ta' ċerti partijiet żgħar minn soqfa difettużi biex jaċċertaw aktar l-istat tagħhom. Proprju għaliex anki periti isibuha kultant diffiċli biex

jippreċiżaw kull difett f'soqfa perikolużi jew deteroranti, għandhom dejjem jittieħdu l-prekawzjonijiet ta' irfid fuq imsemmija." Ċertament ma jirriżultax illi dan il-perit tal-Public Works qatt skonsilja l-irfid jew b'xi mod żvaluta l-ħtieġa tiegħu.

Illi l-appellant ilmenta wkoll fil-petizzjoni tiegħu illi l-ewwel Onorabbli Qorti tat wisq importanza lill-armar. Hu issottometta illi, barra milli għal żewġ xorok ma jurix armar, fil-każ preżenti biex tarma trid tibda minn isfel u għalhekk għal xogħol ta' ftit soldi kien irid isir armar mill-art tal-bitħa bi spiża kbira ħafna. Imma ma tantx hemm bżonn li wieħed jelabora l-pont li jekk fil-fatt — kif jidher li kien il-każ — il-prudenza u s-sengħa u l-buonsens kienu jindikaw armar u irfid adegwat għall-fini li jiġu skonġurati disgrazzi l-ispiża relativa ma jistax ikollu rilevanza mill-punto di vista ġuridiku u l-inkolumità tal-bniedem tagħleb kwalunkwe konsiderazzjoni ta' flus.

Illi l-perit tekniku *irrelata li f'każi bħal dawn trid issir* attenzjoni speċjali waqt il-qlugħ tax-xorok u anki waqt il-kxif tagħhom biex ma jiġix disturbat l-ekwilibrju fil-pressjoni li jkun hemm bejniethom imħabba xi ksur moħbi jew qabdiet difettużi. Imħabba f'din ir-raġuni u bħala prekawżjoni kontra xi sorpriżi jew aċċidenti, mhux ix-xorok maqsuma biss jiġu mirfudin minn taħt, *imma l-indana kollha u* anki t-travu. Dan isir permezz ta' serratizzi jew tavlar tal-injam taħt is-saqaf, poġġuti fuq ħadid tal-armar ingaljati fil-ħitan sottostanti jew fuq puntali skond il-ħtieġa. B'hekk jiġi assigurat li ebda xriek jew travu li jċedi waqt ix-xogħol ma jkun jista' jaqa' u jikkawża ħsarat jew disgrazzi oħra. Dan l-irfid u armar *taħt soqfa u travi difettużi, kompla jgħid* il-perit tekniku, għandu dejjem isir, kemm għas-sigurtà tal-istess ħaddiema, u kemm għas-siġurtà tal-proprietà sottostanti, speċjalment jekk tkun okkupata jew aċċessibbli għall-

pubbliku waqt ix-xogħol, u aktar ma x-xogħol ikun qiegħed isir fl-għoli u f'posizzjoni perikoluża, aktar hu imperattiv li l-armar u irfid isir. L-irbit ta' xriek maqsuma bil-wire jew fildiferru mhux konsidrat irfid ta' prekawzjoni suffiċjenti; infatti biex jintrabtu x-xorok l-ewwel irid jiġi maqlugħ il-madum u xaħx tal-paviment, imbagħad isiru toqob fl-inkulmar tal-fili bejn l-istess xorok biex jgħaddi minnhom il-wire. U dan ix-xogħol preliminari ta' tħaffir u damdim, żied jgħid il-perit tekniku fih innifsu jikkostitwixxi aggravament fil-periklu ta' kollass. Il-fildiferru ġeneralment jintuża biex jiġi miġbud 'il fuq ix-xriek imkisser wara li jkun ġia ġie mirfud minn taħt, bħala prekwazjoni addizzjonali, u anki konvenjenza waqt il-qlugħ.

Illi l-appellant ikkumbatta din l-asserzjoni fondamentali tal-perit tekniku rigward il-ħtieġa ta' irfid u armar xieraq bit-teżi li, billi fil-fehma tiegħu l-kollass beda minn taħt u mhux mix-xorok li kienu inqalu, l-armar ma kienx ikun ta' siwi. Oriġinarjament hu kien ipprospetta xi ipotesijiet konnessi ma waqa' tas-sellun li fuqu kien Muscat fil-pjan ta' taħt, però dawn mhumiex sorretti mir-riżultanti u wieħed kien almenu jistenna li jkunu sorretti mix-xhieda stess ta' Genovese u Muscat. Però għall-kuntrarju Genovese xehed "Bdejna naqilgħu t-tieni biċċa tal-ewwel xriek; żammejt il-wire bix-xriek f'idi, neħħejt is-serratizz li miegħu kien marbut ix-xriek, u għidt lil Manuel Muscat jgħini biex nerfgħu din il-biċċa xriek. Malli konna qegħdin nerfgħu din il-biċċa, **niżlu xi sitta jew seba' xorok mill-marbutin il-barra; u b'dawna x-xorok niżlu wkoll l-indani jew il-passaġġi l-oħra ta' taħt".**

Illi f'din l-istanza l-appellant reġa' tenna li l-kollass sar minn taħt imħabba vizzju latenti; però jarġa' jingħad li ta' dan il-Qorti ma tirravvisa ebda ħjiel ta' prova. Anzi, apparti dak li fuq ingħad, jista' jingħad ukoll li Salvina Mizzi, xhud

okulari, kienet xehdet testwalment hekk: "Jiena rajt lill-konvenut Genovese fil-passaġġ ta' fuq u Muscat kien fil-passaġġ tiegħi. Fil-passaġġ tiegħi kien hemm sellun għal fuq biex jaħdmu bih. Muscat kien fil-passaġġ tiegħi u Genovese qallu jitla' biex iżżommli x-xriek, u kif tela' biex iżommli x-xriek niżel il-passaġġ ta' fuq u waqqa l-passaġġi ta' taħtu."

Illi fuq id-domandi ulterjuri magħmulin lill-perit tekniku f'din l-istanza, hu stqarr illi studja diversi teoriji oħra barra dik kontenuta fir-rapport tiegħu, imma baqa' jsostni din tal-aħħar, bażata, kif qal hu, "fuq żewġ fatti prinċipali li ma jistgħux jiġu mwarrba b'ebda teorija alternattiva possibbli u ċioè (1) il-passaġġ li fuqu kien jaħdem Genovese waqa' malli dan refa' l-aħħar biċċa tax-xriek, kif xehed l-istess Genovese, u (2) l-assenza ta' irfid u prekawzjonijiet oħra f'xogħol perikoluż bħal dan."

Illi l-appellant issottometta ukoll illi li kieku l-appellata Bugeja ġiet avżata biex ma toħroġx fil-passaġġ ma kienitx tkorri u dan in-nuqqas ta' avviż mhux nuqqas tiegħu. Imma l-Qorti ma tarax għaliex l-appellant, li ikkuntratta t-tiswija u qabbad imbagħad għall-esekuzzjoni ta' xogħol bħal dan sempliċi bajjada bla ebda sorveljanza teknika jew istruzzjonijiet speċjali, kien fiċ-ċirkostanzi eżonerat milli jagħti d-debiti avviżi għas-sigurezza u inkolumità tal-abitanti tal-kasseġġat.

Illi fl-aħħarnett l-appellant ipprova jiddeduċi l-kontributorjetà tal-appellata Bugeja relativament għad-danni minnha sofferti fuq il-bażi li, kif qal hu, il-passaġġ ma kellux iservi biex jitqedu fih affarijiet tal-kċina u li l-appellata Bugeja kienet negliġenti li ħarġet fil-passaġġ wara l-kollass, dak li hu jiddesumi milli l-appellata Bugeja waqgħet fuq id-debri u ma ntradmitx u li kienet pjuttost imneżża. Imma ma jidhirx li hemm ness adegwat ta' kawżalità bejn it-tqe-

għid ta' affarijiet tal-kċina fil-passaġġ u l-fatt kawżativ tad-danni u l-appellata, li biex wieħed juża l-espressjoni adoperata mill-appellant għar-rigward ta' xhieda oħra kienet profana, ħarġet meta ħarġet fil-passaġġ fl-injoranza ta' dak li kien ġara, ma tistax fil-fehma tal-Qorti tiġi ikkunsidrata li kkontribwiet għad-danni. Inoltri l-ipotesi li l-appellata ħarġet wara l-kollass hi kontradetta, barra milli minnu stess, anki mix-xhud Salvina Mizzi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-appellant.